MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 445/2006

Victor Borg, Mary Borg, Frances Borg, Joseph Borg,
Charles sive Carmel Borg u Michael Borg
vs
Alex Bezzina Wettinger

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond 28, “Victory”, Old Railway Track, Birkirkara.

2. Illi prezentement, b’mod arbitrarju, abbuziv u bi ksur tal-ligi, il-fond fuq imsemmi qieghed jinzamm mill-intimat unikament ad eskluzjoni ta’ access u pussess tal-istess mir-rikorrenti.

3. Illi l-intimat qieghed jippretendi li huwa ghandu dritt jippossjedi u jokkupa l-fond fuq imsemmi b'titolu ta' kera.

4. Illi din il-pretensjoni tal-intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu li l-fond imsemmi huwa mikri lill-intimat jew b'xi mod id-dirttijiet ta' kera li seta' kellu fuq l-istess fond missier l-intimat iddevolvew fuq l-intimat mal-mewt ta' missieru.

5. Illi l-intimat, minkejja li gie interpellat mir-rikorrenti sabiex jizgombra mill-fond, baqa' inadempjenti.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-initimat qieghed jokkupa l-fond 28, "Victory", Old Railway Track, Birkirkara minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond 28, "Victory", Old Railway Track, Birkirkara u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat lill-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat, in partikolari azzjoni ghall-kumpens u ta' okkupazzjoni u/jew danni sad-data ta' l-effettiv ritorn tal-fond lill-intimati [*recte* – lir-rikorrenti].

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat li biha espona:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-fond mertu ta' dan ir-rikors huwa wiehed li devolva fuq l-intimat wara l-mewt ta' missieru li min-naha tieghu kien ilu jiddetjeni l-istess fond b'titolu ta' kera hafna qabel dahlu fis-sehh l-emendi ghal-ligijiet li jirregolaw il-kera fl-1995 u ghalhekk huwa regolat bil-korp specjali ta' ligijiet li kien

jirregola l-kera qabel 1995 ghal liema raguni ma hux minnu li l-intimat qed jiddetjeni l-fond mertu tar-rikors minghajr ebda titolu validu fil-ligi stante li l-intimat ghandu kull dritt jibqa' jiddetjeni l-istess fond bl-istess titolu ta' kera u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi fid-19 ta' Jannar 2010 Dr. Joseph Sammut ghall-intimat u Dr. Nadia Vella ghar-rikorrenti iddikjaraw li Albert Bezzina, missier l-intimat, kellu titolu ta' kera fuq il-fond *de quo*, u l-kera kienet tithallas regolarment sakemm kien haj, u accettata, u wara l-mewt tieghu bdiet tigi depozitata l-Qorti.

Gie prezentat affidavit ta' Frances Borg fejn fih semmiet li l-fond 28, "Victory", Old Railway Track, Birkirkara kien tal-papa` taghha fejn kien xtara l-art u fuqha kien bena dan il-post u post iehor tahtu. Semmiet li fis-snin sittin missierha kien kera l-post ta' l-ewwel sular lil certu Bartolomeo maghruf bhala Albert Bezzina Wettinger bir-rata ta' Lm56 fis-sena. Bezzina Wettinger kien jghix gol-fond u dana sakemm lahaq certu eta` u kien mar jghix ma' bintu gewwa l-Mosta. Imbaghad dan Albert kien miet circa Awwissu 2005. Qalet li sadanittant missierha kien miet f'Mejju 2004 u l-post in kwistjoni kienu wirtuh hi u hutha, filwaqt li lilha missierha kien hallielha wkoll l-uzufrutt fuq dan l-istess post.

Kompliet tghid li ftit wara li miet Albert Bezzina Wettinger, kien mar it-tifel tieghu Alex sabiex ihallas il-kera. Hi kienet qaltlu li huma ma riedux kera imma c-cwievet tal-post lura ghax il-post ma kienx qieghed jintuza. Il-gallarija kienet

tidher ix-xibka tal-hadid minn tahtha. Qalet li Alex ma kienx irritorna c-cwievet, izda wara ftit kienet irceviet karta mill-Qorti fejn infurmatha li l-kera kienet giet depozitata l-Qorti. Iktar tard irceviet izjed cedoli mill-Qorti li permezz taghhom giet iddepozitata l-kera.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Borg fejn fih semma li l-fond 28, "Victory", Old Railway Track, Birkirkara kien tal-papa` tieghu. Semma l-istess fatti li kienet semmiet ohtu Frances Borg fl-affidavit taghha. Qal li ftit wara li miet Albert Bezinna Wettinger, kien cempel lit-tifel tieghu Alex u qallu li bhala eredi ta' missieru xtaq jara l-post. Huwa kien accetta u kienu ftehmu ghall-ghada. Kien mar flimkien mar-ragel tat-tifla tieghu, John Micallef, sabiex dana jiehu r-ritratti tal-post. Ikkonferma li r-ritratti ttiehdu dak in-nhar li hu dahal fil-post flimkien ma' John li kien fis-sajf 2005.

Semma li l-post kien fi stat ta' abbandun totali, kemm minn gewwa kif ukoll minn barra. Kien evidenti li fil-post ma kien jghix hadd u kien ilu ma jghix xi hadd ghal hafna zmien ghaliex kien hemm trabijiet kbar kullimkien. Kien hemm hafna imbarazz ma' kullimkien u s-sodod ma kellhomx friex. Il-bathrooms kienu mimlija sadid sahansitra gol-banju stess. Barra minn hekk, is-soqfa kienu kollha fi stat hazin hafna u minnhom tidher ix-xibka tal-hadid u l-hitan kienu jidhru li kien ilhom zmien ma jinzebghu.

Gie prezentat affidavit ta' Mary Borg fejn fih semmiet dak li kienet semmiet ohtha Frances Borg.

Gie prezentat affidavit ta' Michael Borg li fih semma dak li semmiet ohtu Frances Borg. Zied li hu ghandu garaxx fl-istess triq tal-post, kwazi bieb ma' bieb mieghu u hu jmur ta' kuljum f'dan il-garaxx u ghalhekk jghaddi minn quddiem il-post ta' kuljum. Qal li ilu madwar tmien snin jara dan il-post fi stat ta' abbandun totali.

L-ghatba tal-bieb kienet tkun mimlija hmieg u trab u qatt ma ra passi fuqha li jindikaw li dahal xi hadd gewwa l-post. Wara l-grada kien hemm hafna karti bir-riklami li

qatt ma ngabru. Il-bieb ta’ barra kollu miftuh minhabba x-xemx u z-zebgha tieghu u tal-faccata kienet qed titqaxxar. Qal li aktar ma jghaddi z-zmien iktar qed imur lura l-post ghaliex ma ssirlu l-ebda manutenzjoni.

Gie prezentat affidavit ta’ Carmel sive Charles Borg fejn fih ikkonferma l-fatti li qalet ohtu Frances. Zied li huh Michael ghandu garaxx vicin ta' dan il-post, kwazi bieb ma' bieb mieghu. Kien ghamel zmien imur ta’ sikwit f’dan il-garaxx ta’ huh u ghalhekk kien jghaddi minn quddiem dan il-post. Kien ilu madwar tmien snin jara dan il-post fi stat ta' abbandun totali u qatt ma ra lil xi hadd diehel gol-post.

Xehed Eric Montfort, *Principal* mal-Korporazzjoni Enelmalta fil-Legal Office u dwar il-fond 28, “Victory”, Old Railway Track, Birkirkara qal li hu registrat maghhom fuq Alex Bezzina Wettinger. Kellu wkoll il-kontijiet u anka l-*meter number* korrispondenti li ipprezentah bhala Dokument EM. Semma li l-kontijiet kemm ghall-ilma u kemm ghall-eletriku mis-sena 2000 ’l hawn thallsu u ma hemm xejn pendenti. Zied li l-konsum tal-fond kien wiehed baxx. Zied jghid li fil-pagamenti m’hemmx uniformita` izda dawn ivarjaw. Bicciet jaqbzu €140 u bicciet huma anka bl-€10. Qal li jirrizulta li l-post kien ilu registrat fuq Alex Bezzina Wettinger mill-1987.

Xehed Emanuel Balzan, *Officer* mal-Water Services Corporation u dwar il-post 28, “Victory”, Old Railway Track, Birkirkara qal li l-post hu registrat fuq A. Bezzina u qed jiehdu s-sussidju fuqu Albert Bezzina u Alexander Bezzina. Esebixxa dokument li juri l-konsum tad-dawl u ta’ l-ilma mill-1996 sal-lum il-gurnata (17 ta’ April 2008). Qal li dwar it-tnejn li huma l-konsum li hemm kien normali u huma jinqraw minn *meter reader* izda f’Novembru 2007 ma nqarax. Semma li fl-ahhar sentejn, hemm tliet kontijiet *actual* u wiehed ma nqarax.

Gie prezentat affidavit ta’ John Micallef fejn wara li ra r-ritratti esebiti a fol 13 sa 24 tal-process ikkonferma li dawn ir-ritratti kien hadhom hu fis-sajf ta’ l-2005 fil-fond “Victory” 28, Old Railway Track, Birkirkara. Qal li Joseph Borg, li

huwa missier il-mara tieghu kien talbu jmur mieghu f'dan il-post biex jiehu xi ritratti. Semma li meta mar fil-post sab li kien hemm hafna affarijiet li indikaw li l-post kien ilu ma jintuza. Kien hemm hafna posta li ma ngabritx minn hdejn il-bieb, trab ma kullimkien, hafna imbarazz, *bathrooms* bis-sadid u s-sodod mhux mifruxa. Qal li bhal ma jidher mir-rtrtatti l-post kien jinsab f'abbandun totali. Qal li meta ha r-ritratti kien prezenti wkoll Alex Bezzina Wettinger u dan ma oggezzjonax ghal dan.

Xehed Joseph Caruana, *Administrator* fl-*Account Keeping Section* mal-Water Services Corporation u dwar il-fond in kwistjoni qal li mis-sena 2000 sal-lum, skond l-i*statement* tal-kont, il-konsum jidher li kien regolari. Ma setax jghid jekk kienx regolari hafna jew le ghax fil-fatt kienu joqghodu zewg persuni u jekk jithalla d-dawl mixghul il-*units* jinhlew. Esebixxa zewg dokumenti li juru l-persuni registrati ghas-sussidju u *statement* tal-kont mill-1996 sa Marzu ta' 2009 bil-kont ukoll tal-qari li ttiehed jekk kienx attwali jew inkella stima.

Xehdet Audrey Ghigo, Rapprezentanta mal-HSBC Bank Malta p.l.c. fejn qalet li f'isem Alex Bezzina Wettinger ma sabu l-ebda kont, jigifieri m'ghandhomx indirizz tieghu filwaqt li Albert Bezzina Wettinger l-indirizz li ghandhom fir-records taghhom kien 28, Old Railway Road, Birkirkara.

Fid-19 ta' Jannar 2010 gew esebiti diversi dokumenti bhala prova li l-intimat kien dejjem residenti fil-fond *de quo*. Fost dawn hemm Dokument B a fol 168, ittra ta' l-ETC datata 13 ta' Lulju 2005; ittra tal-Pulizija, *Weapons Office*, Dokument C a fol 169 datata 08/08/05; certifikat mediku Dokument D a fol 170 datat 28/12/95; licenzja tal-Pulizija Dok E a fol 171 datata 4 ta' Marzu 1996; kont tal-Melita Cable Television Dok F a fol 172 ta' l-1 ta' Ottubru 1996; *statement* tal-Mid-Med Bank, Dok G a fol 173 datat 3 ta' Settembru 1996; ittra ta' l-*Inland Revenue Department*; Dok H a fol 174 datat 30 ta' Awissu 1996; ittra ta' l-ETC, Dok I a fol 175 datata 4 ta' Novembru 1997; *invoice* tal-Gun and Rod Sports Shop, Dok J a fol 176 datat 23 ta' Settembru 1994; *return* ta' l-*Income Tax*, Dok K a fol 177 ghas-sena ta' stima 1995; ittra tal-

Kummissarju tal-Pulizija, Dok L a fol 178 tas-6 ta’ Mejju 1993; kont tad-Dipartiment ta’ l-Ilma, Dok M a fol 179 datat 11 ta’ Mejju 1990; *insurance policy* tal-karozza, Dok N a fol 180 datata 16 ta’ Mejju 1989; *record* ta’ *immunisation*, Dok O a fol 181 datat 14 ta’ Awissu 1973; certifikat ta’ St. Albert College riferibbli ghas-snin 1981 sal-1986, Dok P a fol 182; ittra tal-Preluna Hotel, Dok Q a fol 183 datata 29 ta’ Ottubru 1987; ittra tad-Dipartiment tas-Social Services, Dok U a fol 184 datat 30 ta’ Lulju 1987; *statement* tal-Marina Hotel, Dok R a fol 185 tal-25 ta’ Awissu 1987.

Xehed Karmenu Mifsud li joqghod 26, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Birkirkara jigifieri huma joqghodu bieb ma’ bieb, hu joqghod isfel filwaqt li huwa joqghod fuq. Semma li hu dahal fil-fond fl-1 ta’ April 1964 u l-familja Bezzina kienu diga` joqoghdu hemmhekk izda kien ghad ma kellhomx tfal. Semma li ghalhekk it-tfal ukoll kienu joqoghdu f’dan il-post inkluz l-intimat. L-intimat dejjem kien joqghod hemm u ghadu joqghod hemm sal-lum. Dwar il-fond ta’ l-intimat qal li hu jahseb li l-fond huwa tajjeb imma hu ma jidholx hemm. Dwar il-gallariji kemm ta’ quddiem kif ukoll ta’ wara tal-fond tal-konvenut qal li ma jaralhom xejn hazin. Qatt ma osserva jekk il-gallarija ta’ wara hix fi stat perikoluz. Semma li lill-intimat u l-mara tieghu jarhom joqoghdu hemm regolarment. Dwar posta qal li jaraha normali imma hu ma joqghodx jaghti kaz tal-posta. Ma kienx jaf kemm ilu mizzewweg l-intimat, forsi tliet snin. Qal li hu johrog ghax-xoghol filghodu u filghaxija jigi hemmhekk.

Xehdet Marthese Briffa, oht l-intimat, u qalet li huma dejjem ghexu bhala familja fil-fond in kwistjoni. Qalet li mill-1960 kienu jghixu fih ommha u missierha u hi u huha wkoll ghexu hemmhekk. Semmiet li hi damet tghix hemmhekk sat-12 ta’ Dicembru 1993 u huha dejjem kien joqghod hemmhekk anka qabel ma zzewweg. Semmiet li l-intimat kien ghalaq sentejn mizzewweg fit-30 ta’ Settembru. Il-fond kien ghandhom bil-kera u kienu jhallsu tal-kera lis-Sinjuri Borg.

In kontro-ezami qalet li xi ghaxar snin ilu missierha kien ghamel xi xahar u nofs jghix maghha minhabba li kellu *fractured bone* fl-ispina. Qalet li huha dejjem baqa' jghix fil-fond in kwistjoni. Il-kwistjoni kienet li missierha kellu bzonn l-ghajnuna taghha u ghalhekk kienet zammitu d-dar ghal dak ix-xahar u nofs. Meta miet missierha kien joqghod f'din id-dar u dejjem ghix fid-dar in kwistjoni anka qabel ma zzewweg. Dwar ir-ritratt a fol 13 tal-process ikkonfermat li dak huwa s-salott tad-dar u gharfet ir-ritratti segwenti bhala tal-fond *de quo*. Semmiet li huha u missierha ma tantx kienu jiddilettaw inaddfu. Sakemm damet hemmhekk u anka sa ftit zmien wara hi kienet tiehu hsieb id-dar anka tnaddfilhom imma wara ma baqghetx. Qalet ukoll li fil-fond in kwistjoni hemm zewg kmamar tas-sodda.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

Irrizulta li missier ir-rikorrenti kien bena u eventwalment kera l-fond 28, "Victory", Old Railway Track, B'Kara b'effett mill-1 ta' Ottubru 1975 lil Albert Bezzina missier l-intimat. Ghalhekk Albert Bezzina kellu titolu ta' kera fuq il-fond *de quo*. Din il-kera baqghet tithallas regolarment sakemm dam haj. Wara l-mewt tieghu (fis-17 ta' Awissu 2005), ir-rikorrenti ma accettawx il-kera u din giet depozitata l-Qorti. Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimat m'ghandux titolu validu ta' kera u talbu dikjarazzjoni li l-intimat qed jokkupa l-fond minghajr titolu validu fil-ligi u ghalhekk talbu li jirriprendu l-pussess ta' l-istess fond.

Min-naha tieghu l-intimat laqa' billi sostna li t-titolu tal-kera iddevolva fuqu wara l-mewt ta' missieru billi kien joqghod ma' missieru fil-fond u ghalhekk gie li kellu titolu validu fil-ligi *stante* li huwa kellu dritt jibqa' fil-fond b'titolu ta' kera.

Irrizulta li l-fond huwa dekontrollat b'effett mit-28 ta' Dicembru 1972, *a fol* 12.

***D2. Ligi applikabbli:***
Il-kirja tal-fond *de* quo bdiet fl-1 ta' Ottubru 1975 u l-post kien wiehed dekontrollat b'effett minn Dicembru 1972. Ghalhekk, il-ligi applikabbli hija l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar - Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond din l-Ordinanza, kif sussegwentement emendata, it-tifsira ta' kerrej hija:
"kerrej" tinkludi –
…
(b) meta l-kerrej ma jhallix armla jew armel, dawk l-membri tal-familja tal-kerrej li kienu residenti mieghu jew maghha fiz-zmien tal-mewt tieghu jew taghha; u
…
Izda ghall-finijiet ta' l-artikoli 5 u 12, "kerrej" ma ghandha tinkludi ebda wahda mill-persuni inkluzi taht il-paragrafu (b) jew (c) ta' din it-tifsira izda ghandha tinkludi, minflok, ulied, u hu jew oht, il-kerrej li ma jkunux mizzewga u li jkunu jirrisjedu mal-kerrej fi zmien mewtu jew mewtha u l-axxendent tal-kerrej li jkun hekk ighix mal-kerrej;"

***D3. Jekk l-intimat kienx residenti ma' missieru fiz-zmien tal-mewt tieghu:***
F'din il-kawza z-zewg nahat ikkoncentraw il-provi taghhom fuq dan l-aspett, ghax huwa propju dan li sejjer jiddetermina l-ezitu ta' din il-kawza. Jinghad mill-ewwel li hemm provi fuq iz-zewg nahat. Dawn jistghu jigu indikati kif jidher hawn taht:
***a.*** provi biex juru li l-intimat ma kienx jirrisjedi ma' missieru fil-mument tal-mewt tieghu:

Frances Borg,
Joseph Borg,
Mary Borg,
Michael Borg,
Carmel sive Charles Borg u
John Micallef
Dawn kollha kemm huma stqarrew li l-intimat ma kienx joqghod fil-fond *de quo* fiz-zmien tal-mewt ta' missier l-intimat u ziedu jghidu li l-post kien zdingat hafna u mitluq

u abbandunat.  Gew esebiti anke ritratti (Dokumenti FB2 sa FB 23, fol 13 sa fol 24, mehuda fis-sajf ta' l-2005) li juru zding fil-fond kif ukoll trabijiet.  Fuq il-bazi ta' dak li xehdu u ritratti, ir-rikorrenti jsostnu li la l-missier u wisq anqas l-intimat ma kienu qed jghixu fil-fond fiz-zmien tal-mewt tal-kerrej.  Ghalhekk sostnew li l-intimat ma jikkwalifikax bhala kerrej skond id-dettami tal-ligi u ghalhekk fil-prezent qed jokkupa l-fond minghajr titolu validu.  Hemm ukoll indikattiv il-fatt tal-konsum baxx ta' l-elettriku u ilma, ghalkemm wiehed mill-impjegati semma li ma kien hemm xejn specjali dwar dan.  Interessanti huwa l-fatt ukoll li ma gie indikat lill-Qorti ebda post iehor fejn allegatament l-intimat qieghed jirrisjedi.

***b.*** provi biex juru li l-intimat kien jirrisjedi ma' missieru fil-mument tal-mewt tieghu:
L-intimat,
Karmenu Mifsud,
Marthese Briffa u
Dokumenti esebiti
Ix-xhieda indikati, taht forma jew ohra, indikaw li l-intimat kien jirrisjedi fil-fond *de quo*.  Dwar l-intimat, fin-nota taghhom, ir-rikorrenti qalu hekk:
"Anke jekk il-Qorti thoss li x-xhieda taghhom hija wahda kredibbli, **dawn m'humiex l-aqwa prova ghaliex hadd daqs l-intimat innifsu ma jista' jghid huwa fejn kien qieghed jghix fiz-zmien tal-mewt ta' missieru.  L-aqwa prova kienet li jixhed hu taht gurament.**  Fil-fatt, l-intimat ma xehedx f'din il-kawza, hadd ma zammu milli jaghmel dan.  Ma qalx taht gurament illi meta miet missieru, huwa kien jghix mieghu fil-fond mertu ta' din il-kawza."

Izda, hu interessanti li n-nota ta' l-eccezzjonijiet hija risposta guramentata ta' l-intimat.  Jista' wiehed jikkonkludi dak li stqarrew ir-rikorrenti b'riflessjoni dwar il-fatt li l-intimat ma regax xehed?  Bl-istess mod, x'inhu s-sinifikat li wiehed jista' jiddeduci mill-aspett li ma xehedx ir-rikorrent Victor Borg?  Jista' wiehed jaghmel l-istess deduzzjonijiet?

Inoltre, mid-depozizzjoni ta’ Karmenu Mifsud a fol 186 *et* jemergi li l-intimat kien jghix mit-twelid fil-fond *de quo* u baqa’ dejjem jirrisjedi hemm u kien kategoriku li qal “il-konvenut kien dejjem joqghod hemm u ghadu joqghod hemm sal-lum. Nafu dejjem joqghod hemmhekk u qatt ma naf li ma kienx joqghod hemmhekk... Jiena lill-konvenut u l-mara tieghu narahom joqghodu hemmhekk regolarment.”
Marthese Briffa, oht l-intimat, sostniet li huha “hija dejjem kien joqghod hemmhekk anke qabel ma zzewweg... Hija dejjem baqa’ jghix fil-fond in kwistjoni... Meta miet il-papa` kien joqghod f’din id-dar... Fil-fatt kienu joqghodu hija u missieri, zewgt irgiel u ma tantx kienu jiddelettaw inaddfu zzejjed.”

Mid-dokumenti esebiti mill-intimat fuq medda ta’ snin u minn aspetti differenti, jirrizulta li Alex Bezzina Wettinger dejjem irrisjeda fil-fond 28, “Victory”, Old Railway Track B’Kara bhall-unika residenza tieghu u dan sa minn qabel il-mewt ta’ missieru. Minn dawn jirrizulta car li mir-*records* ta’ l-*immunisation* fl-1973 kif ukoll meta kien fil-Kullegg ta’ St. Albert (mill-1981 sal-1986) l-intimat kien jirrisjedi fil-fond *de quo*. Fl-1987 kellu karti tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kif ukoll minghand il-Preluna li jirreferu ghall-istess indirizz. Karti ta’ l-*insurance* ta’ l-1989, tad-Dipartiment ta’ l-Ilma ta’ l-1990 u tal-Pulizija ta’ l-1993, tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ta’ l-1995, ta’ l-*Income Tax* ta’ l-1995 u 1996, tal-Mid-Med Bank ta’ l-1996, tal-Melita Television ta’ l-1996, tal-Pulizija ta’ l-1996, ta’ l-ETC ta’ l-1997, ta’ l-ETC ta’ Lulju 2005, tal-Pulizija ta’ Awissu 2005 juru li r-residenza ta’ l-intimat kienet dik tal-fond *de quo*. Meta wiehed jikkunsidra li Albert Bezzina miet fis-17 ta’ Awissu 2005, jidher ghalhekk li l-intimat kien jirrisjedi ma’ missieru fil-mument tal-mewt tieghu.

Mix-xhieda ta’ impjegati tal-Water Services Corporation jirrizulta li kien hemm dejjem tnejn min-nies jabitaw fil-fond *de quo*. Dan iwassal ghall-fatt li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw dak li allegaw, waqt li l-intimat irnexxielu jgib il-provi li fil-mument tal-mewt ta’ missieru kien jirrisjedi fil-post imsemmi.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------